# KUNSILL LOKALI SIĠĠIEWI
## *CITTÀ FERDINAND*

## MINUTI

## SEDUTA B'URĠENZA NRU 260 – L-Erbgħa 23 ta' Jannar, 2013

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku, 18, Pjazza San Nikola, is-Siġġiewi, fis-6.00p.m. Ippresieda s-Sindku, l-Avukat Dr Karol Aquilina.

## PREŻENTI

Is-Sindku Dr Karol Aquilina
Il-Viċi-Sindku s-sur Ryan Callus
Il-Kunsilliera s-Sinj. Mariette Borg
Il-Kunsillier is-sur Mario Cachia
Il-Kunsillier is-sur Nicholas Cassar
Il-Kunsillier is-Sur Jesmond Tanti
Il-Kunsillier Dr Mark Anthony Vassallo

Uffiċjal: Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sur Nicholas Baldacchino

## TALBA

Is-Sindku stieden lill-membri sabiex tingħad it-talba.
Huwa qal li din is-seduta qed tissejjaħ b'urġenza biex jiġu deċizi dawn il-materji:

1. **Civil Works in conncection with an outdoor gym Triq Mons. F.X. Mangion**
   Is-Sindku qal li kif kien qal fis-seduta preċedenti, wara laqgħa li saret mal-Perit inbidlu xi *specifications* u l-prezz żdied minn €50,684.80 għal €51,445.85. Huwa ippropona li t-tender tingħata lill-uniku offerent iġifieri lis-sur Nicholas Farrugia.

   Il-Kunsillier Jesmond Tanti issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

2. **Applikazzjoni għal metres tad-Dawl u l-ilma fil-propost outdoor gym.**
   Is-Sindku ippropona li s-Segretaru Eżekuttiv għandu jkun awtorizzat li japplika għal metres tad-dawl u l-ilma mal-ARMS.

   Il-Kunsillier Mario Cachia issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

3. **Skema ta' Finanzjament għar-Restawr ta' Postijiet Storiċi Żgħar – Memo 122/2011**
   Is-Sindku qal li skont kif tħabbar fis-seduta preċedenti, l-applikazzjoni għal €3,500 li kienet saret biex isir restawr tal-istatwa ta' San Pawl fi Triq il-Parroċċa kienet milqugħa u għalhekk jistgħu jibdew it-tħejjijiet biex isiru x-xogħlijiet. Huwa qal li s-Segretarju Eżekuttiv talab tliet offerti minn inidividwi kompetenti f'dan ix-xogħol, bl-irħas waħda tkun dik ta' Frans Borg.

   Is-Sindku ippropona li din l-offerta, iġifieri l-irħas waħda għandha tkun aċċettata. Il-Kunsillier Dr Mark Vassallo issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

## GĦELUQ TAS-SEDUTA

Is-Sindku iddikjara s-seduta magħluqa fis-7.15pm

| | |
|---|---|
| **L-Avukat Dr Karol Aquilina** | **Is-Sur Nikol Baldacchino** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |

**Konfermati llum it-Tnejn, 11 ta' Frar, 2013.**